# FANTASIJA

*Sabiħ il-jum*
*sabiħ il-baħar jixgħel*
*taħt ix-xemx tħammar ta' filgħodu.*
*Il-blat ibajjad fl-għoli*
*miż-żewġ naħat*
*jidher fil-milja ta' xbiħietu mpitter*
*ġewwa l-mera ta' l-ilma qiegħed ħġieġa.*
*Hawn niżel f'għodwa kiesħa tar-rebbiegħa*
*żagħżugħ sabiħ ħassieb, mimli bil-ħajja,*
*u qagħad f'xifer il-baħar*
*saqajh imissu u ma jmissux ma' l-ilma.*
*Taħsbu qed jara*
*il-firxa ta' l-ilwien mas-sema u l-baħar*
*u l-qlugħ isewwed quddiem dik id-dija*
*jitbandal ma' l-irjieħ;*
*taħsbu qed jilgħab b'xi bebbux fil-bejta*
*jew jara l-blat jew jara x-xbieha tiegħu*
*ġewwa l-mera ta' l-ilma qiegħed ħġieġa;*
*iħares u jistenna*
*xi mewġa rqiqa tiġri fuq ix-xbieha*
*u tħassarha kemm-kemm;*
*imbagħ'd italla' rasu u taħsbu jħares*
*lejn il-ħajbur minfux għal għajn ix-xemx*
*jew lejn xi tajr mitluf fis-sema.*
*Is-sema ma jarahx anqas il-baħar,*
*Qiegħed ipespes kliem jaħraq bl-imħabba*
*f'widnejn bla qalb.*
*Sabiħ il-wiċċ... sabiħ il-ġisem tagħha*
*u hena u ferħ imorru kulfejn tersaq.*
*X'kefrija tkun sabiħa*
*u tiġbed għal urajk żagħżugħ li mħabbtu*
*ma tilqax b'dirgħajn miftuħa.*
*Ihewden;*
*qalbu tħabbat ġo sidru u moħħu jfantas;*
*itenni l-lejl li għamel jiżfen magħha,*
*dak it-tgeswir ta' kliem, tektik mill-bogħod,*
*tidwir u ħabi;*
*itenni l-kliem li qal, il-kliem li żamm*
*ma' tul iż-żifna kollha.*
*Sabiħ il-wiċċ......*
*Iżda ma sabx moħħ jifhem,*

*ma sabx qalb twieġeb għat-taħbit ta' qalbu.*
*Kemm xtaq iż-żfin itul u l-kliem iġebbed;*
*it-tama tfur u jerġa' jibda jtektek*
*fuq dak il-bieb bla qalb*
*biex forsi jiftaħ għat-tallab imsejken*
*li qiegħed jirżaħ barra.*
*Iż-żfin aktar jitqawwa*
*u taqbeż iż-żogħżija*
*mal-ħeffa tal-vjolini mgħaġġla u l-arpa*
*ġos-sala mdawla tal-Baruni.*
*Sabiħ il-wiċċ...*
*Iżda ma sabx qalb twieġeb...*
*Is-sema ma jaraħx anqas id-dehra*
*ta' żgħażagħ u tfajliet jiżfnu ġos-sala*
*imdawla tal-Baruni,*
*u hi u hu jiżfnu flimkien mal-ħafna.*
*Iħares f'qiegħ il-baħar: twila twila*
*ħaxixa qiegħda tmil minn naħa għal oħra.*
*il-ħaxix żgħir imejjel rasu ċ-ċkejkna,*
*u l-ħut bil-lajma l-lajma*
*igħaddi jħares 'l hawn u 'l hinn ġos-siġar*
*imbagħ'd ħafif iżiġġ u jibqa' sejjer.*
*Fil-bogħ'd, fil-qiegħ tidher bħal nikta bajda*
*u donnha riesqa 'l haw'. tikber, titbiddel,*
*qisha xi ħaġa ħajja: riesqa riesqa...*
*saret bħal sħaba ħoxna.*
*U wara ftit miċ-ċpar qisha minn ħolma*
*inkixfet xemx ta' tfajla.*
*U sejħet liż-żagħżugħ "Eħlisni, eħlisni."*
*u b'nifs maqtugħ reġgħet "Eħlisni, eħlisni."*
*U ħelset mill-ilmiet it-tfajla sbejħa*
*u qagħdet maż-żagħżugħ f'xifer il-baħar*
*u xeħtet driegħha m'għonqu u mejlet rasha*
*fuq sidru jħabbat: w hu kenninha*
*bejn dirgħajh bil-ħlewwa;*
*u nesa 'l-ħolqien u nesa 'l ħajtu*
*w għoxa f'ħolma ta' mħabba.*
*U ħassha tqiegħed fommha*
*ma' fommu u tħalli bewsa.*
*Imbagħ'd ħarset ġo wiċċu*
*u b'dawk għajnejha kbar jidħku ġo wiċċha*
*ħass x'jinfdu minn għajnejh u jidħol f'qalbu.*

M. Mizzi.